**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**ONOR. IMĦALLEF NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D**

**Appell Numru: 43/2023**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Ion BUSUIOC**

**Illum, 22 ta' Frar, 2024**

Il-Qorti,

Rat is-segwenti:

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell tal-Avukat Ġenerali minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar il-31 ta' Jannar 2023 fil-konfront ta' **Ion BUSUIOC** ta' erbgħa u għoxrin (24) sena, bin Ghesrghe Busuioc u Emilia Marovciei, ta' nazzjonalita` Rumena, imwieled MDA (Moldova) nhar l-erbatax (14) ta' Frar tas-sena elf, disa' mija, tmienja u disgħin (1998), mingħajr indirizz fiss u detentur tal-Passaport Rumen bin-numru 059025143, wara li ġie mixli f'isem ir-Repubblika ta' Malta talli fil-lokalita` ta' Tas-Sliema u/jew fil-Gżejjer Maltin fil-lejl ta' bejn il-ħamsa (5) ta' Novembru u s-sitta (6) ta' Novembru tas-sena elfejn, tnejn u għoxrin (2022):

1. Volontarjament ta n-nar lil bini, vettura, għarix jew lok ieħor imsemmi fl-Artikolu 316 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta iżda meta ġewwa ma jkun hemm ebda persuna fil-waqt tal-ħruq, jew volontarjament ta n-nar lil materjal li jaqbad u dan il-bini, vettura, għarix jew lok ieħor, jew dan il-materjal, qiegħed b'mod li jista' jqabbad il-ħruq lil bini ieħor għarix jew lok ieħor, fejn f'dak il-waqt hemm ġewwa jkun hemm xi persuna u dan meta hu seta' jobsor li fil-waqt kien hemm xi persuna ġewwa l-bini, għarix jew lok li ħa n-nar mill-ħruq;

2. Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ta n-nar lil bini, vettura, għarix, jew lok ieħor imsemmi fl-Artikolu 316 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta iżda meta fil-waqt ma jkun hemm ebda persuna hemm ġewwa, u dan il-bini, vettura, għarix jew lok ieħor jkun qiegħed b'mod li ma jistax iqabbad ħruq f'bini ieħor, għarix jew lok ieħor fejn waqt il-ħruq ikun hemm xi persuna ġewwa;

3. Talli fl-istess data, lok, ħin, u ċirkostanzi volontarjament għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor mobbli jew immobbli u ċioe` fuq l-proprjeta` għad-detriment ta' RPS Limited bin-numru ta' reġistrazzjoni C84409, fuq il-vettura tal-għamla BMW 520D SE bin-numru ta' reġistrazzjoni ACC 021 għad-detriment ta' Antonio Genna u/jew persuni oħra, il-vettura tal-għamla KTM bin-numru ta' reġistrazzjoni EBO 485 għad-detriment ta' Antonio Genna u/jew persuni oħra, il-vettura tal-għamla Land Rover Defender bin-numru ta' reġistrazzjoni MAZ 301 għad-detriment ta' Josef Cassano u/jew persuni oħra, il-vettura tal-għamla Honda HRV bin-numru ta' reġistrazzjoni HBB 078 għad-detriment ta' Peter Brincat u/jew persuni oħra u persuna/i naturali u/jew ġuridiċi oħra liema ammont tal-ħsara ikun iżjed minn elfejn u ħames mitt ewro (€2500).

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384, 385 u 412C tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurta` ta' Antonio Genna, Josef Cassano, Peter Brincat u tal-familjari tagħhom.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), filwaqt li astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni, wara li rat l-Artikoli 17,18, 31, 317(b) u 325(a) tal-Kodiċi Kriminali, sabet lill-imputat (illum appellat) Ion BUSUIOC ħati tal-imputazzjonijiet kollha u kkundannatu għal piena ta' erba' (4) snin priġunerija.

   Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, ordnat lill-imputat iħallas is-somma ta' elf, tlett mija u tliet ewro u wieħed u sittin ċenteżmu (€1,303.61), rappreżentanti l-ispejjeż relatati mal-inkarigi mogħtija lil Dr. Joseph Cassar u lil Dr. Martin Bajada.

   Peress illi l-esperti nkarigati fl-inkjesta, għajr għal Dr. Bajada, kienu għadhom ma ppreżentawx ir-rapport intaxxat tagħhom, ordnat li kopja tas-sentenza tintbagħat lir-Reġistratur biex ikun f'posizzjoni jipproċeduri fil-konfront tal-imputat ai termini tal-artikolu 533(3) tal-Kodiċi Kriminali.

   A tenur tal-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, poġġiet lill-ħati taħt Ordni ta' Trattament għal żmien ta' tlett (3) snin sabiex jingħata l-għajnuna psikoloġika u/jew psikjatrika meħtieġa.  Dan l-ordni ġie anness mas-sentenza.

   Ordnat illi kopja tas-sentenza tintbagħat lid-Dipartiment tal-Probation u Parole.

   Ai termini tal-Artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ħarġet Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-imputat a favur ta' Antonio Genna, Josef Cassano, Peter Brincat u l-famijari tagħhom għal żmien tlett (3) snin mid-data tas-sentenza.

Finalment, wara li rat l-Artikolu 5(2)(d) tal-Att dwar l-Immigrazzjoni, Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta, irrakkomandat lill-Uffiċjal Prinċipali għall-Immigrazzjoni sabiex jikkunsidra jeżerċita l-poteri tiegħu taħt l-imsemmi Att fir-rigward tal-imputat kemm-il darba jkun skonta s-sentenza fuqu imposta.

Ai termini tal-artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, ordnat li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi l-Avukat Ġenerali appella minn din is-sentenza u talab lil din il-Qorti sabiex "*tirriforma s-sentenza appellata billi:*

   i. *tikkonferma s-sentenza appellata f'dik il-parti tagħha fejn l-appellat ġie misjub ħati tal-ewwel u tat-tielet imputazzjonijiet fuq l-ammissjoni tiegħu stess u;*

   ii. *tvarja dik il-parti tas-sentenza appellata fejn erogat il-piena u tgħaddi billi timponi piena fil-parametri tal-liġi*"

## D. KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

**Ikkunsidrat:**

4. Illi l-aggravju mressaq mill-Avukat Ġenerali jikkonsisti fil-fatt illi fis-sentenza tagħha, l-ewwel Qorti għamlet interpretazzjoni ħażina tal-liġi u dan meta erogat piena inqas minn dik li tikkontempla l-liġi in kwantu l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellat; dan wara li l-istess appellat irreġistra ammissjoni inkundizzjonata u l-Qorti ddikjarat illi kienet qed "*issib l-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha*". Ikompli l-Avukat Ġenerali illi permezz tal-ewwel imputazzjoni, BUSUIOC kien mixli bir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 317(a)(i) tal-Kodiċi Kriminali, li jikkontempla piena ta' priġunerija minn ħames snin sa disa' snin, iżda l-ewwel Qorti minflok sabet lill-appellat ħati tar-reat kif ikkontemplat fl-

Artikolu 317(b) tal-Kodiċi Kriminali, li jikkontempla piena ta' priġunerija minn tliet snin sa ħames snin, biex b'hekk għaddiet sabiex teroga piena ta' erba' snin priġunerija, liema piena hija inqas mill-minimu tal-piena prevvista mil-liġi fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni ammessa mill-appellat. L-Avukat Ġenerali jagħmel referenza għall-Artikolu 392A tal-Kodiċi Kriminali u jsostni illi ġialadarba ġiet reġistrata ammissjoni skont il-liġi, il-Qorti kellha tgħaddi sabiex tagħti lill-akkużat "*dik is-sentenza li għandha tingħata skond il-liġi kontra l-akkużat li jinstab ħati tar-reat*", skond l-imsemmi artikolu. Għalhekk skont l-Avukat Ġenerali, l-ewwel Qorti ma kellhiex tagħmel analizi fuq il-mertu jew dwar ir-riżultanzi tal-provi sa dak l-istadju, jew jekk l-imputazzjonijiet kif dedotti kinux sodisfaċentement u legalment ippruvati, iżda kellha tgħaddi biss sabiex teroga l-piena fil-parametri tal-imputazzjonijiet dedotti fiċ-ċitazzjoni. F'każ li kienet qed tiddubita l-ħtija tal-appellat jew kellha raġuni tajba biex tiddubita jekk ir-reat kienx ġie tassew magħmul, l-ewwel Qorti kellha ssegwi d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 392A(3) tal-Kodiċi Kriminali u tordna li l-proċeduri jkomplu l' quddiem, daqs li kieku l-akkużat ma weġibx li huwa ħati.

5. Illi l-Avukat Ġenerali jsostni illi l-fatt illi l-ewwel Qorit għaddiet sabiex issib ħtija fl-Artikolu 317(b) tal-Kodiċi Kriminali minflok kif ikkontemplat fiċ-ċitazzjoni odjerna, ossia skont l-Artikolu 317(a)(i) wassal kemm għall-konsegwenzi fil-piena erogata u ċioe` billi erogat piena ta' erba' snin priġunerija, meta l-minimu kien ta' ħames snin priġunerija, kif ukoll għal konfużjoni fil-parti operattiva tas-sentenza u dan għaliex filwaqt illi għamlet referenza għall-Artikolu 317(b) tal-Kodiċi Kriminali, kompliet billi "*issib l-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha*". Din l-anomalija tidher b'mod ċar, skont l-Avukat Ġenerali, meta fis-sentenza tagħha l-ewwel Qorti ddikjarat illi "*l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu*", kif ukoll illi kienet qed issibu "*ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu*", iżda sussegwentement iddikjarat illi "*fortunatament il-ħruq spiċċa ma qabbadx xi bini jew lok ieħor biex b'hekk jirriżultaw iċ-ċirkostanzi li ssir referenza għalihom fil-paragrafu (b) tal-imsemmi artikolu*".

6. Illi jirriżulta mill-atti proċesswali illi fis-seduta miżmuma quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, l-appellat irreġistra

ammissjoni.[1] Hawnhekk l-ewwel Qorti wissiet lill-appellat bil-konsegwenzi tal-ammissjoni tiegħu billi spjegatlu l-pieni li seta' jeħel għar-reati kkontemplati fl-Artikoli 317(a)(i) u 325, imbagħad ipproċediet billi ssospendiet is-smigħ tal-kawża għal ftit tal-ħin sabiex tikkonċedi lill-appellat żmien biex jikkonferma dik l-ammissjoni billi jikkonsulta mal-avukat tiegħu, u spjegatlu illi l-Qorti kienet libera li tapplika dik il-piena li jidhrilha xierqa. Jirriżulta wkoll mill-istess verbal, illi wara li l-Prosekuzzjoni ddikjarat illi t-tieni imputazzjoni kienet waħda alternattiva, kif ukoll illi tenut taċ-ċirkostanzi tal-każ, kien idoneu li tingħata piena fil-minimu, l-appellat għażel illi jikkonferma l-ammissjoni tiegħu, b'dan għalhekk illi l-Qorti ddifferiet il-kawża għas-sentenza. Nhar il-31 ta' Jannar 2023, ingħatat is-sentenza b'dan illi filwaqt illi l-ewwel Qorti ddikjarat illi "*fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tiegħu ... m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi*"[2], finalment filwaqt illi astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonjiet kollha[3] u kkundannatu għal erba' snin priġunerija u dan wara li rat, in kwantu l-ewwel imputazzjoni, l-Artikolu 317(b) tal-Kodiċi Kriminali. Mill-istess sentenza jirriżulta wkoll illi dwar l-ewwel imputazzjoni, il-Qorti għaddiet sabiex teroga piena għal dak ir-reat li, skont hi, kien jirriżulta mill-provi mismugħa sa dak l-istadju li fih ġiet reġistrata l-ammissjoni. Dwar dan l-ewwel Qorti kkunsidrat hekk:

> "Dwar il-piena l-Qorti qieset li l-ewwel imputazzjoni kif imputata hi dik kontemplata bl-artikolu 317 tal-Kodiċi Kriminali liema artikolu, jkompli jistabbilixxi l-pieni diversi li l-awtur jista' jeħel. Fil-każ in deżamina għad li n-nar seta' jinfirex u jqabbad il-ħruq lil bini ieħor jew lok ieħor, fortunatament il-ħruq spiċċa ma qabbadx xi bini jew lok ieħor biex b'hekk jirriżultaw iċ-ċirkostanzi li ssir riferenza għalihom fil-paragrafu (b) tal-imsemmi artikolu."[4]

[1] A fol. 108 tal-proċess. Mill-verbal ma jirriżultax speċifikatament dwar liema imputazzjonijiet ġiet reġisrata din l-ammissjoni, iżda fl-ewwel lok, jirriżulta illi l-Qorti spjegat lill-imputat il-pieni li huwa seta' jeħel għar-reati taħt l-Artikoli 317(a)(i) u 325 ossia l-pieni applikabbli għar-reati fl-ewwel u fit-tielet imputazzjonijiet u fit-tieni lok, fis-sentenza tagħha l-ewwel Qorti ndikat illi "*waqt l-udjenza miżmuma nhar is-17 ta' Jannar, 2023 l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu*" (a fol. 157 tal-proċess). Il-Qorti tinnota wkoll illi ma sar l-ebda ilment f'dan ir-rigward, iżda anzi l-ilment tal-Avukat Ġenerali huwa proprju illi filwaqt illi l-appellat ammetta għall-imputazzjonijiet kollha kif dedotta kontra tiegħu, huwa ma ngħatax il-piena prospettata mil-liġi.

[2] Ara a fol. 158 tal-proċess. Sottolinear ta' din il-Qorti.

[3] A fol. 161 tal-proċess.

[4] A fol. 158 tal-proċess.

Illi kien dan illi wassal lill-ewwel Qorti sabiex tapplika l-piena prevvista fl-Artikolu 317(b) tal-Kodiċi Kriminali.

7. Illi l-Qorti tqis illi l-Avukat Ġenerali in parte għandu raġun. Kif ingħad, l-ewwel Qorti għaddiet sabiex sabet lill-appellat ħati tal-imputazzjonijiet kollha u fil-kunsiderazzjonijiet tagħha speċifikat ukoll illi kienet qed issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi, iżda mbagħad fid-decide, minflok għaddiet sabiex tindika l-Artikolu 317(a)(i) tal-Kodiċi Kriminali ossia l-artikolu li jikkontempla r-reat fl-ewwel imputazzjoni, għaddiet sabiex tindika l-Artikolu 317(b), u erogat piena taħt dan l-artikolu. Veru illi fil-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar l-ewwel imputazzjoni, l-ewwel Qorti spjegat għaliex kienet se tapplika l-piena taħt l-Artikolu 317(b), iżda semmai dan kellu jiġi rifless ukoll fil-parti deċiżorja tas-sentenza tagħha, b'dan għalhekk illi dik il-Qorti kellha tindika illi kienet qed issib ħtija tar-reat taħt l-Artikolu 317(b) u mhux tal-ewwel imputazzjoni kif dedotta fil-konfront tal-appellat. Dan apparti illi filwaqt illi ddikjarat illi kienet qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni, l-ewwel Qorti sabet lill-appellat ħati tal-imputazzjonijiet kollha, inkluż għalhekk tat-tieni imputazzjoni. Għaldaqstant, fid-dawl tad-deċiżjoni kunfliġġenti tal-ewwel Qorti, din il-Qorti qed tgħaddi sabiex tannulla s-sentenza appellata u bis-setgħat mogħtija lilha fit-termini tal-Artikolu 428(3) tal-Kodiċi Kriminali, se tgħaddi sabiex tiddeċiedi l-mertu tal-każ mill-ġdid.

8. Illi kif ingħad fl-udjenza tas-17 ta' Jannar 2023, l-appellat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, liema imputazzjonijiet jikkontemplaw in kwantu l-ewwel imputazzjoni, ir-reat ravviżat fl-Artikolu 317(a)(i) tal-Kodiċi Kriminali, in kwantu t-tieni imputazzjoni r-reat ikkontemplat fl-Artikolu 318 tal-Kodiċi Kriminali u in kwantu t-tielet imputazzjoni, il-ħsara volontarja fit-termini tal-Artikolu 325(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali. Madankollu, kif ingħad, il-Prosekuzzjoni ddikjarat illi t-tieni imputazzjoni kienet alternattiva (għall-ewwel imputazzjoni) u għaldaqstant, din il-Qorti se tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha.

9. Illi in kwantu r-reat ikkontemplat fl-ewwel imputazzjoni, il-Qorti tqis illi l-Artikolu 317 tal-Kodiċi Kriminali jaqra hekk:

> 317. Kull min volontarjament jagħti n-nar lil bini, vettura, għarix, jew lok ieħor imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan, iżda meta ġewwa ma jkun hemm ebda persuna fil-waqt tal-ħruq, jew, kull min volontarjament jagħti n-nar lil materjal li jaqbad, u dan il-bini, vettura, għarix, jew lok ieħor, jew dan il-materjal, ikun qiegħed b'mod li jista' jqabbad il-ħruq lil bini ieħor, għarix, jew lok ieħor, fejn f'dak il-waqt hemm ġewwa jkun hemm xi persuna, jeħel, meta jinsab ħati –
>
> (a) jekk il-ħruq iqabbad band'oħra, il-piena ta' priġunerija għal għomru:
>
> Iżda jekk ebda persuna ma titlef ħajjitha, il-ħati jeħel -
>
> (i) jekk hu seta' jobsor li fil-waqt kien hemm xi persuna ġewwa l-bini, għarix, jew lok li ħa n-nar mill-ħruq, il-piena ta' priġunerija minn ħames snin sa disa' snin;
>
> (ii) xort'oħra, il-piena ta' priġunerija minn tliet snin sa sitt snin;
>
> (b) jekk il-ħruq ma jqabbadx il-bini, għarix, jew lok ieħor,il-piena ta' priġunerija minn tliet snin sa ħames snin. (sottolinear ta' din il-Qorti)

10. Illi huwa evidenti minn qari tal-artikolu appena ċitat, illi sabiex japplikaw id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (a) tal-Artikolu 317, jeħtieġ mhux biss illi "*il-bini, vettura, għarix, jew lok ieħor, jew dan il-materjal, ikun qiegħed b'mod li jista' jqabbad il-ħruq lil bini ieħor, għarix, jew lok ieħor, fejn f'dak il-waqt hemm ġewwa jkun hemm xi persuna*", iżda jeħtieġ ukoll illi l-ħruq fil-fatt iqabbad band'oħra, b'dan illi f'dan il-każ, jekk b'konsegwenza ta' dan, persuna titlef ħajjitha, il-piena ta' priġunerija hija dik tal-għomor, filwaqt illi jekk l-ebda persuna ma titlef ħajjitha, japplikaw il-pieni fis-subparagrafi (i) u (ii) skont il-każ. Altrimenti jekk il-ħruq ma jqabbadx il-bini, għarix jew lok ieħor, allura tapplika l-piena prevvista fil-paragrafu (b).

11. Illi fil-każ odjern, l-appellat ammetta illi i) volontarjament ta n-nar lil bini, vettura, għarix jew lok ieħor imsemmi fl-Artikolu 316 tal-Kodiċi Kriminali, jew volontarjmanet ta n-nar lil materjal li jaqbad, ii) kif ukoll illi dan il-bini, vettura, għarix jew lok ieħor, jew dan il-materjal, kien qiegħed b'mod li seta' jqabbad il-ħruq lil bini ieħor, għarix jew lok ieħor, fejn f'dak il-waqt hemm ġewwa jkun hemm xi persuna u in oltre illi iii) huwa seta' jobsor illi fil-waqt kien hemm xi persuna ġewwa l-istess bini, għarix jew lok "*li ħa n-nar mill-ħruq*". Madankollu, dan l-aħħar element rikjest mil-liġi ossia illi xi bini ieħor jew lok ieħor ħa n-nar mill-ħruq in kwistjoni, ma jirriżultax mill-provi prodotti quddiem l-ewwel Qorti, b'dan għalhekk illi l-ammissjoni tal-appellat tikkunfliġġi mal-provi l-oħrajn li jirriżultaw mill-atti. Jingħad illi din il-Qorti fliet bir-reqqa l-atti proċesswali, mil-liema jirriżulta illi għalkemm id-dħaħen min-nirien telgħu wkoll fir-residenzi sovrapposti għall-garaxxijiet fejn ingħata n-nar lill-vetturi in kwistjoni, in-nar ma kompliex jinfirex lejn dawn ir-residenzi, f'liema waqt tenut kont ukoll tal-ħin li fih seħħ il-ħruq, kien hemm numru ta' persuni ġewwa fihom.

12. B'dan għalhekk illi la darba l-ħruq ma qabbad l-ebda bini jew lok ieħor, għandu jiġi applikat mhux l-Artikolu 317(a)(i), iżda l-Artikolu 317(b) tal-Kodiċi Kriminali, kif fil-fatt għamlet l-ewwel Qorti meta rravviżat illi "*għad li n-nar seta' jinfirex u jqabbad il-ħruq lil bini ieħor jew lok ieħor, fortunatament il-ħruq spiċċa ma qabbadx xi bini jew lok ieħor biex b'hekk jirriżultaw iċ-ċirkostanzi li ssir riferenza għalihom fil-paragrafu (b) tal-imsemmi artikolu*".[5]

13. Illi minkejja l-aggravju mqajjem mill-Avukat Ġenerali fir-rigward, ossia illi l-ewwel Qorti ma setgħetx issib ħtija fir-reat taħt l-Artikolu 317(b) stante illi dan m'huwiex ir-reat prospettat fl-ewwel imputazzjoni u dan fid-dawl tal-ammissjoni tal-appellat għal dik l-istess imputazzjoni, fis-sentenza tas-17 ta' Lulju 2002 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emmanuel Testa**, minkejja l-ammissjoni tal-appellant f'dak il-każ, din il-Qorti kif diversament preseduta qieset illi fuq il-fatti minnu ammessi, ma setgħetx issib lill-appellant ħati tal-aggravanti kkontemplat fl-Artikolu 141 tal-Kodiċi Kriminali u għaldaqstant għaddiet sabiex tirriforma s-sentenza appellata. F'dak il-każ, il-Qorti qalet hekk:

[5] A fol. 158 tal-proċess.

1. Qabel xejn, din il-Qorti sejra taghmel xi osservazzjonijiet ta' natura generali, u dan peress li dan huwa kaz li nbeda wara l-1 ta' Mejju ta' din is-sena, u ghalhekk japplikaw ghalih certi disposizzjonijiet godda tar-rit penali, disposizzjonijiet li forsi ghadhom ma ndrawx ghal kollox. Jibda biex jinghad li l-appellant quddiem l-ewwel qorti gie imputat b'fatti li jipotizzaw zewg reati li huma delitti – ir-reat ta' attentat vjolenti ghall-pudur (Art. 207 tal-Kodici Kriminali) u dak ta' offiza ghall-pudur jew ghall-morali maghmula fil-pubbliku (Art. 209) – kif ukoll gie imputat bl-aggravanti ta' ufficjal pubbliku jew impjegat pubbliku fit-termini tal-Artikolu 141 tal-Kodici Kriminali ... L-aktar gravi minn dawn iz-zewg reati huwa dak ta' attentat vjolenti ghall-pudur li, apparti miz-zieda li talvolta jista' jkun hemm minhabba l-Artikolu 202, kif ukoll apparti z-zieda minhabba l-applikabbilita` tal-Artikolu 141, igorr piena ta' prigunerija minn minimu ta' tlett xhur sa massimu ta' sena. Peress li, ghalhekk, il-piena ghal dana r-reat hija ta' aktar minn sitt xhur prigunerija (Art. 370(1)(b), Kap. 9), l-ewwel qorti ghaddiet biex tipprocedi bhala Qorti Istruttorja skond ir-rit traccjat fl-Artikolu 370(4) tal-imsemmi Kodici. F'dan il-kaz l-Avukat Generali ma tax il-kunsens tieghu bil-miktub ghall-procedura sommarja *ab initio*. Gara, pero`, li ghall-mistoqsija jekk l-imputat iridx iwiegeb ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu u x'irid iwiegeb, Emmanuel Testa wiegeb li huwa hati. Permezz ta' din l-ammissjoni f'dana l-istadju (u peress li l-piena ghar-reat ma teccedix l-ghaxar snin prigunerija) l-ewwel qorti saret kompetenti li taghti s-sentenza (bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali) bis-sahha tas-subartikolu (6) tal-Artikolu 370 u minghajr il-htiega li ssir il kumpilazzjoni. Dana s-subartikolu (6) gie fis-sehh fl-1 ta' Mejju, 2002.[6] (sottolinear ta' dik il-Qorti)

[6] Illi hawnhekk irid jingħad illi fiż-żmien tal-każ in kwistjoni, l-Artikolu 370(6) tal-Kodiċi Kriminali kien jaqra hekk wara l-emendi li saru bis-saħħa tal-Att III ta' l-2002:

*(6) Il-Qorti hija wkoll kompetenti li tagħti s-sentenza lill-akkużat fiċ-ċirkostanzi u kif provdut fl-artikolu 392A.*

In oltre l-Artikolu 392A tal-Kodiċi Kriminali, hekk kif miżjud bis-saħħa tal-Att III ta' l-2002, kien jgħid hekk:

*392A. (1) Jekk l-akkużat, bi tweġiba għall-mistoqsija fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 392, jistqarr li hu ħati tar-reat li bih ikun akkużat u l-imsemmi reat ikun suġġett għal piena ta' mhux aktar minn*

14. Illi in oltre l-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk fis-sentenza fuq ċitata:

> 6. L-appellant ghandu diversi aggravji. Il-parti l-kbira taghhom huma dwar il-piena, pero` hemm aggravju minnhom li jirrigwarda wkoll is sejbien ta' htija fuq it-tielet imputazzjoni, ossia dwar l-aggravju kif kontemplat fl-Artikolu 141. Huwa jikkontendi, bazikament, li ghalkemm huwa ufficjal pubbliku, ma hux u ma kienx jinkombi fuqu l-obbligu li jara ossia jissorvelja li r-reati kontemplati fl-Artikoli 207 u 209 ma jsirux, jew li b'xi mod jipprevjeni milli jsiru. Issa, kif gie ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tal-20 ta' Jannar, 1995 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Martin J. Camilleri***, fuq ammissjoni ta' l imputat qorti ma tistax hlief tghaddi ghall-kundanna tieghu, ammenokke` ma jirrisultax li l-imputat ma jkunx fehem in-natura ta' l-imputazzjoni, jew li ma kienitx l-intenzjoni tieghu li jammetti li hu hati ta' dik l-imputazzjoni, jew <u>li fuq il-fatti minnu ammessi l-qorti ma setghetx skond il-ligi tikkundannah cioe` ssibu hati ta' reat</u>[7] . Issa, f'dan il-kaz il-fatti principali li kienu qed jigu imputati lil Emmanuel Testa, u li hu ammetta, kienu li xogholu kien ta' "ticketing inspector", li kkommetta attentat vjolenti ghall-pudur kif ukoll li offenda l-pudur jew il-morali b'ghemil li huwa ghamel f'lok pubbliku, u li dan l attentat vjolenti u dan l-ghemil twettqu filwaqt li huwa kien qed iwettaq id-dmirijiet tieghu ta' "ticketing inspector". Minn dawn il-fatti ma jikkonfigurax l-aggravju kontemplat fl-Artikolu 141 tal-Kodici Kriminali ... Ghalhekk dana l-aggravju ta' l-appellant, cioe` fir-rigward tat-tielet imputazzjoni, qed jigi akkolt.

---

*għaxar snin priġunerija, id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 435 għandhom mutatis mutandis japplikaw bla ħsara għad-disposizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu.*

*(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) u minkejja kull dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra, jekk l-akkużat jibqa' jtenni fit-tweġiba tiegħu li hu ħati tar-reat li bih ikun akkużat il-Qorti bħala qorti ta' ġudikatura kriminali għandha tgħaddi 'l quddiem biex tagħti lill-akkużat dik is-sentenza li għandha tingħata skond il-liġi kontra akkużat li jinsab ħati tar-reat u tordna li l-atti, flimkien ma' kopja tas-sentenza, jiġu mibgħuta lill-Avukat Ġenerali kif provdut fis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 401.*

*(3) Iżda, meta jkun hemm raġuni tajba biex wieħed jiddubita jekk ir-reat kienx ġie tassew magħmul, jew jekk l-akkużat hux ħati tar-reat, il-qorti għandha, għalkemm l-akkużat ikun stqarr, tordna li l-kumpilazzjoni titmexxa 'l quddiem, bħallikieku l-akkużat ma weġibx li hu ħati.*

[7] Hawnhekk il-Qorti rreferiet għas-sentenza tal-Qorti Kriminali tas-27 ta' Ottubru 1962 fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs George Cassar Desain</u>**.

15. Illi bl-istess mod, fil-każ deċiż minn din il-Qorti, kif diversament preseduta, nhar id-19 ta' Novembru 2015 fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Gabriel Micallef) vs Andre` Falzon**, ingħad hekk:

> Minn dawn il-fatti jemergi allura illi l-ammissjoni ta'l-appellanti hija konfliggenti mal-provi l-ohra li hemm fl-atti, senjalatament l-istqarrija tieghu stess ghaliex minn din ta'l-ahhar jirrizulta illi huwa ikkometta r-reati addebitati lilu mhux f'Awwissu, izda f'Settembru 2013 u kwindi huwa ammetta ghall-fatti li ma kenux gew kommessi minnu ghal ta'l-anqas mhux fid-data indikata fl-akkuza, izda xahar wara. Illi d-dottrina fir-rigward tal-valur probatorju ta'l-ammissjoni maghmula mill persuna akkuzata tghallimna illi:
>
> *"Dwar l-effett ta' ammissjoni fuq l-appell tal-persuna misjuba hatja din il-Qorti (jew ahjar, il-Qorti Kriminali li allura kienet tisma' l-appelli mid-decizjonijiet tal-Qorti tal-Magistrati tal-Pulizija Gudizzjarja) diga` kellha l-opportunita` li tippronunzja ruhha fis-sentenza tagha tas-27 ta' Ottubru, 1962 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs George Cassar Desain (Kollez. Deciz. XLVI.IV.911). F'dik is-sentenza gie ritenut, mill-kompjant Imhallef William Harding, fuq l-iskorta ta' gurisprudenza kemm Ingliza kif ukoll lokali, li fuq ammissjoni ta' l-imputat Qorti ma tistax hlief tghaddi ghall-kundanna tieghu ammenokke` ma jirrizultax li l-imputat ma jkunx fehem in-natura ta' l-imputazzjoni jew li ma kinitx l-intenzjoni tieghu li jammetti li hu hati ta' dik l-imputazzjoni* ***jew li fuq il-fatti minnu ammessi l-Qorti ma setghetx skond il-ligi, tikkundannah, cjoe` ssibu hati ta' reat****.*[8]" (sottolinear ta' dik il-Qorti)
>
> Illi fil-kaz in dizamina ma jistax jinghad illi l-appellanti qieghed jallega illi huwa ma fehemx in-natura ta'l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, jew inkella li ma kenitx l inetnzjoni tieghu li jammetti, izda jirrizulta mill-atti illi abbazi tal-fatti tal-kaz kif esposti, l-Ewwel Qorti ma setatx issib htija ghal tali akkuzi billi ma kenux jissussistu fid-data indikata fl-akkuza. Issa l-kodici penali taghna jimponi l-obbligu fuq il-Qorti Kriminali taht l-artikolu 436(3)(c) li ghandha taghmel dak kollu li m'huwiex

---

[8] Hawnhekk il-Qorti rreferiet għas-sentenza **Il-Pulizija vs Martin Camilleri** tal-20 ta' Jannar 1995 (Vol.LXXIX.v.1538).

projbit jew mhux ordnat mill-ligi taht piena ta' nullita, kull meta l-Qorti fid-diskrezzjoni taghha jidhirliha li hu hekk mehtieg ghat-tikxif tal-verita.' Illi l-appellanti allura ghandu ragun u din il-Qorti ma tistax taghlaq ghajnejha ghal dan in-nuqqas procedurali daqslikieku ma kienx jezisti u dan ghaliex is-sentenza impunjata tirrifletti fatti li mhumiex sostanzjati bil-provi li hemm fl-atti, ghalkemm l-appellanti ammetta ghalihom. Kwindi din il-Qorti ma ghandhiex trqi ohra hlief li tghaddi sabiex tannulla id-decizjoni appellata u dan billi tirrizulta decizjoni hazina fuq il mertu u dan kif previst fl-artikolu 428(5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi affermat dan allura din il-Qorti bis-setgha moghtija lilha fl-artikolu 428(6) ser tghaddi sabiex titratta l-mertu ta' dan il-kaz daqslikieku ma kienx hemm ammissjoni minn naha ta'l-appellanti.

16. Illi għaldaqstant din il-Qorti ma tistax taqbel mal-Avukat Ġenerali fejn qed jippretendi illi la darba l-appellat irreġistra ammissjoni għall-ewwel imputazzjoni kif dedotta fil-konfront tiegħu, huwa għandu jinstab ħati ta' din l-imputazzjoni, ossia tar-reat ravviżat fl-Artikolu 317(a)(i), la darba l-fatti riżultanti mill-atti jinkwadraw ruħhom taħt dak prevvist fl-Artikolu 317(b) tal-Kodiċi Kriminali. F'dan il-kuntest, il-Qorti tosserva wkoll illi l-piena erogata mill-ewwel Qorti in kwantu r-reat in kwistjoni, kienet fil-parametri tal-liġi.

17. Illi mbagħad in kwantu t-tielet imputazzjoni, din il-Qorti lanqas ma taqbel mal-ewwel Qorti fis-sens illi in kwantu l-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet japplika l-prinċipju tal-konkors formali tal-pieni fejn allura għandha tiġi applikata l-piena l-aktar oneruża ossia dik ikkontemplata fl-Artikolu 317(b) tal-Kodiċi Kriminali. Dan għaliex l-ewwel parti tal-Artikolu 325(1) tal-Kodiċi Kriminali taqra hekk:

> Kull min, <u>b'mezzi xort'oħra minn dawk imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-Sub-titolu</u>, volontarjament iħassar, jagħmel ħsara jew igħarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, jeħel, meta jinstab ħati ... (sottolinear tal-Qorti)

18. Illi dan ifisser illi l-Artikolu 325(1) tal-Kodiċi Kriminali jeskludi dik il-ħsara volontarja illi ssir bil-mezzi ndikati fl-artikoli preċedenti tal-istess Sub-titolu bħal fil-każ tal-Artikolu 317 tal-Kodiċi Kriminali li

jikkontempla r-reat tal-ħruq b'periklu komuni u li bħal Artikolu 325(1) jinsab taħt is-Sub-titolu IV tat-Titolu IX tal-Kodiċi Kriminali. Dan għalhekk ifisser ukoll illi l-appellat ma setax jiġi mixli u wisq inqas jinstab ħati tar-reat ta' ħsara volontarja fir-rigward ta' dawk il-mobbli jew immobbli li ġarrbu l-ħsara b'riżultat tal-ħruq kommess minnu, fir-rigward ta' liema reat huwa qed jinstab ħati taħt l-Artikolu 317(b) tal-Kodiċi Kriminali.

19. Illi permezz tat-tielet imputazzjoni, l-appellat ġie mixli bir-reat ta' ħsara volontarja u dan fir-rigward tal-proprjeta` għad-detriment ta' RPS Limited, tal-vettura tal-għamla BMW 520D SE bin-numru ta' reġistrazzjoni ACC 021 għad-detriment ta' Antonio Genna u/jew persuni oħra, il-vettura tal-għamla KTM bin-numru ta' reġistrazzjoni EBO 485 għad-detriment ta' Antonio Genna u/jew persuni oħra, il-vettura tal-għamla Land Rover Defender bin-numru ta' reġistrazzjoni MAZ 301 għad-detriment ta' Josef Cassano u/jew persuni oħra, il-vettura tal-għamla Honda HRV bin-numru ta' reġistrazzjoni HBB 078 għad-detriment ta' Peter Brincat u/jew persuni oħra u persuna/i naturali u/jew ġuridiċi oħra, liema ammont tal-ħsara jeċċedi s-somma ta' elfejn u ħames mitt ewro (€2,500).

20. Illi madankollu mill-atti jirriżulta illi l-immobbli ossia l-proprjeta` appartenenti lil RPS Limited u l-mobbli l-oħrajn kollha, għajr għall-vettura Land Rover bin-numru ta' reġistrazzjoni MAZ 301, ilkoll soffrew ħsarat b'konsegwenza tal-ħruq kaġunat mill-appellat. Kienet biss l-imsemmija vettura Land Rover illi ġarrbet ħsarat mill-appellat indipendentement mill-ħruq u dan billi mill-provi jirriżulta illi l-appellat kisser il-ħġieġa tat-tieqa tal-istess vettura.[9] Fir-rigward Joseph Cassano, sid l-istess vettura, jixhed illi din il-ħġieġa swietu €120 oltre t-taxxa fuq il-valur miżjud, jiġifieri €138 ewro.[10] Dan ifisser għalhekk illi l-appellat jista' jinstab ħati biss ta' dik il-parti tat-tielet imputazzjoni li tirreferi għal din il-vettura u dan fit-termini tal-Artikolu 325(1)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali, li jirreferi għal ammont tal-ħsara li ma jkunx jiskorri l-mitejn u ħamsin ewro (€250) u jipprovdi in kwantu l-piena, piena ta' priġunerija għal perjodu li ma jaqbiżx sitt xhur.

[9] Ara r-ritratt esebit a fol. 57 tal-proċess.
[10] Ara din ix-xhieda a fol. 70 *et seq* tal-proċess.

21. Illi għaldaqstant, in kwantu l-piena applikabbli għar-reat taħt l-Artikolu 317(b) tal-Kodiċi Kriminali, il-piena hija dik ta' priġunerija minn tliet snin sa ħames snin, u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 17(b) tal-Kodiċi Kriminali, il-piena għar-reat l-iżjed gravi ossia dak taħt l-Artikolu 317(b) tiżdied minn terz san-nofs taż-żmien tal-piena taħt l-Artikolu 325(1)(ċ), li jfisser illi din tiżdied għal perjodu li ma jaqbiżx xahrejn jew tliet xhur priġunerija.

22. Illi tenut kont tan-natura tar-reati li tagħhom l-appellat qed jinstab ħati, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, il-Qorti tqis illi piena ta' erba' snin priġunerija hija piena idonea.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17(b), 317(b) u 325(1)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali qed issib lill-appellat Ion BUSUIOC ħati tal-ewwel imputazzjoni, iżda biss taħt l-Artikolu 317(b) u mhux taħt l-Artikolu 317(a)(i) tal-Kodiċi Kriminali, b'dan għalhekk illi qed issibu mhux ħati u qed tilliberah in kwantu dik il-parti tal-ewwel imputazzjoni li tirreferi għall-Artikolu 317(a)(i) tal-Kodiċi Kriminali. Qed issib lill-appellat ħati wkoll tat-tielet imputazzjoni, iżda biss fir-rigward tal-ħsara volontarja kkaġunata fuq il-vettura Land Rover Defender bin-numru ta' reġistrazzjoni MAZ 301 għad-detriment ta' Josef Cassano u/jew persuni oħra, fit-termini tal-Artikolu 325(1)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali, u mhux in kwantu l-bqija tal-immobbli u l-mobbli indikati fl-istess imputazzjoni, fir-rigward ta' liema għalhekk l-appellat qed jinstab mhux ħati u qed jiġi lliberat, u qed tikkundannah fir-rigward tal-ħtija tiegħu dwar l-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet kif ingħad, għall-piena ta' erba' (4) snin priġunerija effettiva.

Fid-dawl tad-dikjarazzjoni tal-Prosekuzzjoni illi t-tieni imputazzjoni hija alternattiva (għall-ewwel imputazzjoni), tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni.

Fit-termini tal-Artikoli 392Ċ u 533 tal-Kodiċi Kriminali tordna lill-appellat sabiex iħallas l-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-esperti fil-proċeduri, inklużi dawk tal-esperti li ġew maħtura fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta, ossia s-somma ta' tliet mija, tnejn u tmenin ewro u ħamsin ċenteżmu (€382.50), rappreżentanti l-

ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-espert psikjatriku Dr. Joseph Cassar u s-somma ta' disa' mija, wieħed u għoxrin ewro u ħdax-il ċenteżmu (€921.11), rappreżentanti l-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-espert Dr. Martin Bajada, b'kollox għalhekk tali spejjeż ammontanti għas-somma ta' elf, tlett mija u tlett ewro u wieħed u sittin ċenteżmu (€1303.61), liema spejjeż għandhom jitħallsu mill-ħati fi żmien sitt (6) xhur mid-data ta' din is-sentenza. L-appellat għandu jħallas ukoll l-ispejjeż tal-esperti l-oħrajn maħtura fil-mori tal-inkjesta, li baqgħu ma esebewx ir-relazzjoni tagħhom quddiem l-ewwel Qorti, l-ammont ta' liema spejjeż għandu jiġi stabbilit mir-Reġistratur.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali.

Fit-termini tal-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali, qed tqiegħed lill-appellat taħt Ordni ta' Trattament għal żmien sentejn mid-data ta' din is-sentenza u dan sabiex jingħata l-għajnuna psikoloġika u/jew psikjatrika meħtieġa, bil-kundizzjonijiet elenkati fl-istess Ordni, liema Ordni qed jiġi anness ma' din is-sentenza.

Tordna li kopja ta' dan l-Ordni jintbagħat lid-Dipartiment tal-*Probation* u *Parole*.

Il-Qorti wissiet lill-ħati, bi kliem ċar u sempliċi, il-kundizzjonijiet imposti fuqu bl-Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tiegħu, kif ukoll ir-responsabilita` tiegħu f'każ li ma jikkonformax ruħu ma' xi rekwiżit jew kondizzjoni tal-istess Ordni, u ċioe` illi f'tali eventwalita`, il-Qorti tista' twaħħlu ammenda ta' mhux iżjed minn elf, mija, erbgħa u sittin ewro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69).

Fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti tapplika l-provvedimenti tal-Artikoli 383, 384, 385 u 412C tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tiċħad it-talba u dan tenut kont illi miċ-ċirkostanzi tal-każ ma jirriżultax illi r-reati in kwistjoni kienu diretti lejn persuni partikolari jew lejn il-persuni ndikati fiċ-ċitazzjoni odjerna.

**Natasha Galea Sciberras**
**Imħallef**